# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 8-ta' Marzu, 2002

**Numru**

**Avviz numru 751/01DM**

**David u Johanna konjugi Borg Costanzi**

**vs**

**Rabat Marbles Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu illi l-konvenuti jigu ikkundannati sabiex jirritornaw circa disghin (90) metru kwadru ta' irham tat-tip Travertin, liema rham huwa propjeta tal-atturi u liema rham qed jinzamm ghand il-konvenuti abbuzivament u illegalment, u ghalkemm ufficjalment interpellati sabiex jirritornaw l-istess il-konvenuti xorta wahda baqghu inadempjenti.

U ghal finijiet ta' kompetenza gie dikjarat illi l-valur ta' dan l-irham huwa ta' tliet elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Gunju 2001, tal-mandat ta' sekwestru kontestwali, u bl-imghaxijiet legali fuq il-valur tal-istess rham mill-14 ta' Gunju 2001

sad-data tar-rikonsenja effettiva, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti legali taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B'riserva wkoll ta' kull azzjoni ghad-danni u azzjoni ohra kriminali spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti.

Rat illi l-konvenuti ghalkemm dehru fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2001 biex jikkontestaw it-talba, huma ma pprezentawx l-eccezzjonijiet formali fi zmien lilhom previst mill-Qorti u lanqas ma dehru ghas-seduta tat-28 ta' Frar, 2001.

In oltre l-istess konvenuti lanqas ma dehru fis-seduta tallum sabiex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien hmistax-il jum millum, huma jirritornaw lill-atturi disghin (90) metru kwadru ta' rham tat-tip Travertin indikat fl-avviz u in oltre jhallsu lill-atturi l-imghax legali fuq somma ta' tliet elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) b'effett mill-14 ta' Gunju tas-sena 2001 sad-data tal-konsenja;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi si et quatenus.

Magistrat

A. Farrugia

Dep.Reg va.